PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

*Dokument ta' sessjoni*

**A7-0372/2013**

15.11.2013

# RAPPORT

dwar problemi kostituzzjonali ta’ governanza b’diversi livelli fl-Unjoni Ewropea
(2012/2078(INI)) ,

Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali

Rapporteurs: Roberto Gualtieri u Rafał Trzaskowski



*Magħquda fid-diversità*

## WERREJ

**Paġna**

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW ...............................3

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJIET EKONOMIĊI U MONETARJI...........18

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IMPJIEGI U L-AFFARIJIET SOĊJALI....................26

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT ...................................................30

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar problemi kostituzzjonali ta' governanza b'diversi livelli fl-Unjoni Ewropea**

**(2012/2078(INI)) ,**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra t-Trattat tal-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà (MES)[1],

– wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni u l-Governanza fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja (TSCG),

– wara li kkunsidra is-'six-pack' (il-pakkett dwar il-governanza ekonomika)[2],

– wara li kkunsidra t-'two-pack' (it-tieni pakkett ta' proposti għall-governanza ekonomika)[3],

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002[4],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-22 ta' Mejju 2013 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward tal-politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu[5],

– wara li kkunsidra r-rapport tal-5 ta' Diċembru 2012 tal-Presidenti tal-Kunsill Ewropew, tal-Kummissjoni Ewropea, tal-Bank Ċentrali Ewropew u tal-Grupp tal-euro bit-titolu 'Lejn Unjoni Ekonomika u Monetarja Ġenwina'[6],

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bl-isem ta' "Pjan ta' azzjoni għal unjoni ekonomika u monetarja profonda u ġenwina — It-tnedija ta' Dibattitu Ewropew"[7],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Novembru 2012 b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar ir-rapport tal-Presidenti tal-Kunsill Ewropew, tal-Kummissjoni Ewropea, tal-Bank Ċentrali Ewropew u tal-Grupp tal-euro bit-titolu "Lejn Unjoni

---

[1] Treaty Establishing the European Stability Mechanism (ESM)
[2] Treaty on Stability, Coordination and Governance in the Economic and Monetary Union
[3] ĠU L 306, 23.11.2011.
[4] ĠU L 140, 27.5.2013.
[5] ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.
[6] Testi adottati, P7_TA(2013)0213
[6] https://www.ecb.europa.eu/ssm/pdf/4preport/fourpresidentsreport2012-12-05EN.pdf
[7] COM(2012)0777, 28 ta' Novembru 2012.

Ekonomika u Monetarja Ġenwina"[1],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Mejju 2013 dwar proposti leġiżlattivi futuri dwar il-UEM,[2]

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar it-tisħiħ tad-demokrazija Ewropea fl-UEM tal-futur,[3]

– wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji u tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (A7-0372/2013),

A. billi d-differenzjazzjoni hija karatteristika kostituttiva tal-proċess tal-integrazzjoni Ewropea u mezz li jippermetti l-progress tiegħu u jiggarantixxi rispett sostanzjali għall-prinċipju tal-ugwaljanza, mifhum bħala t-trattament ugwali ta' sitwazzjonijiet ugwali u t-trattament inugwali ta' sitwazzjonijiet inugwali;

B. billi l-integrazzjoni differenzjata għandha tkompli sservi ta' prekursur għall-approfondiment tal-integrazzjoni Ewropea, peress li qed tinbeda minn sottogrupp ta' Stati Membri, tibqa' miftuħa għall-Istati Membri kollha u għandha l-għan li jkun hemm integrazzjoni kompluta fit-Trattati;

C. billi l-integrazzjoni differenzjata tieħu żewġ forom: 'b'veloċitajiet differenti', fejn l-Istati jfittxu li jilħqu l-istess għanijiet skont perjodi ta' żmien differenti, u 'fuq livelli differenti', fejn l-Istati jaqblu li l-għanijiet tagħhom ikunu differenti;

D. billi d-differenzjazzjoni m'għandhiex iddgħajjef iċ-ċittadinanza tal-Unjoni, li hija l-istatus fundamentali ta' min hu ta' nazzjonalità tal-Istati Membri, li tippermetti lil dawk li jsibu ruħhom fl-istess sitwazzjoni li jgawdu, fi ħdan l-ambitu tat-Trattat, l-istess trattament fil-liġi irrispettivament min-nazzjonalità tagħhom;

E. billi kwalunkwe differenzjazzjoni tirrispetta u għalhekk issaħħaħ l-unità tal-ordinament ġuridiku Ewropew u l-effikaċja u l-koerenza tiegħu, il-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni abbażi tan-nazzjonalità, kif ukoll l-istabbiliment ta' żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja mingħajr fruntieri interni u l-funzjonament tas-suq intern;

F. billi d-differenzjazzjoni tista' tintuża meta l-azzjoni komuni fi kwalunkwe żmien mhijiex possibbli jew fattibbli;

G. billi d-differenzjazzjoni hija u għandha dejjem tkun imdaħħla fil-qafas istituzzjonali uniku tal-Unjoni Ewropea;

[1] Testi adottati, P7_TA(2012)0430.
[2] Test adottat, P7_TA(2013)0222.
[3] Test adottat, P7_TA(2013)0269.

H. billi l-integrazzjoni differenzjata għandha tirrispetta l-prinċipju ta' solidarjetà skont l-Artikolu 5 TUE u l-Protokoll 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità;

I. billi t-Trattati joffru diversi opzjonijiet u strumenti għal integrazzjoni differenzjata, inklużi limitazzjonijiet tal-ambitu territorjali tal-applikazzjoni, klawżoli ta' salvagwardja, derogi, esklużjonijiet fakultattivi, inklużjonijiet fakultattivi, kooperazzjoni msaħħa, u dispożizzjonijiet speċifiċi għall-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro, sakemm dawn l-istrumenti jirrispettaw l-unità, l-effikaċja u l-koerenza tal-ordinament ġuridiku Ewropew u huma inklużi fil-qafas istituzzjonali uniku (il-metodu Komunitarju);

J. billi xi Stati Membri kisbu l-possibilità li ma jipparteċipawx (esklużjoni fakultattiva) f'politiki differenti tal-UE - kif stipulat fil-Protokolli differenti għat-Trattati - li tistà tipperikola l-unità, l-effikaċja u l-koerenza tal-ordinament ġuridiku Ewropew;

K. billi d-derogi magħmula skont l-Artikolu 27(2) TFUE jippermettu d-differenzjazzjoni bejn ċerti Stati Membri fl-ambitu ta' att legali li jkun indirizzat lill-Istati Membri kollha, dejjem bil-għan illi jsir progress fl-istabbiliment u fl-iżgurar tal-funzjonalità tas-suq intern;

L. billi t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jinkludi, fl-Artikoli 114(4) u (5), 153(4), 168(4), 169(4) u 193 tiegħu, klawżoli ta' salvagwardja li jippermettu lill-Istati Membri li jżommu jew jintroduċu miżuri protettivi iżjed stretti fi ħdan l-ambitu tal-applikazzjoni ta' att legali li huwa indirizzat lill-Istati Membri kollha;

M. billi l-kooperazzjoni msaħħa tirrikjedi l-parteċipazzjoni ta' mill-inqas disa' Stati Membri f'qasam kopert minn kompetenza mhux esklussiva tal-Unjoni, li tippermetti lill-Istati Membri li mhux qed jipparteċipaw biex jipparteċipaw f'deliberazzjonijiet iżda mhux fil-votazzjoni, u hija miftuħa fi kwalunkwe żmien għall-Istati Membri kollha;

N. billi l-proċedura ta' kooperazzjoni msaħħa tippermetti, bħala l-aħħar soluzzjoni, l-adozzjoni ta' miżuri li jorbtu sottogrupp ta' Stati Membri wara awtorizzazzjoni mogħtija mill-Kunsill b'maġġoranza kwalifikata u fil-qasam tal-PESK wara awtorizzazzjoni mogħtija b'unanimità;

O. billi dan il-mekkaniżmu diġà qed jintuża għal-liġi trans-UE dwar id-divorzju u għal-liġi Ewropea dwar il-privattivi u ġie approvat mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fil-kuntest tat-tassazzjoni għall-ħolqien ta' Taxxa fuq it-Transazzjonijiet Finanzjarji;

P. billi fil-qasam tal-politika estera u ta' sigurtà komuni, gruppi ta' Stati jistgħu jittrattaw kompiti jew missjonijiet speċifiċi, u fil-qasam tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni, huwa previst l-istabbiliment ta' grupp ewlieni permanenti ta' Stati b'kapaċità militari;

Q. billi storikament, il-Ftehim ta' Schengen tal-1986 u l-Konvenzjoni ta' Schengen tal-1990, iffirmati minn sottogrupp ta' Stati Membri li ħadu il-post tal-kontrolli fil-fruntiera bejn dawn l-Istati; il-Ftehim dwar il-Politika Soċjali tal-1991 bejn sottogrupp ta' Stati Membri, li estenda l-kompetenzi preċedenti tal-KE fil-qasam tal-impjiegi u d-drittijiet soċjali li jippermettu votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata, u l-Konvenzjoni ta' Prüm tal-2005 bejn sottogrupp ta' Stati Membri u n-Norveġja dwar skambju ta' dejta u kooperazzjoni kontra t-terroriżmu, jirrappreżentaw forom ta' integrazzjoni differenzjata;

R. billi l-acquis ta' Schengen ġie integrat fit-Trattati mit-Trattat ta' Amsterdam, b'esklużjonijiet fakultattivi għar-Renju Unit, l-Irlanda u d-Danimarka;

S. billi r-Renju Unit u l-Irlanda jistgħu fi kwalunkwe żmien jitolbu li jieħdu sehem jew f'xi wħud mid-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen jew fihom kollha u billi d-Danimarka tibqa' marbuta mill-Ftehim u l-Konvenzjoni ta' Schengen oriġinali;

T. billi l-Konvenzjoni ta' Prüm ġiet parzjalment integrata fil-qafas ġuridiku tal-UE;

U. billi l-Ftehim dwar il-Politika Soċjali ġie integrat fit-Trattati mit-Trattat ta' Amsterdam mingħajr l-ebda esklużjoni fakultattiva;

V. billi t-Trattati jipprovdu għadd ta' modi dwar kif jista' jsir progress fil-politiki soċjali u tal-impjiegi, li l-potenzjal tagħhom għadu ma ġiex sfruttat kompletament, b'mod partikolari fir-rigward tal-Artikolu 9 tat-TFUE, l-Artikolu 151 tat-TFUE u l-Artikolu 153 tat-TFUE, iżda wkoll b'mod iktar ġenerali fir-rigward tal-Artikolu 329 tat-TFUE; billi konverġenza soċjali akbar tista' għalhekk tinkiseb mingħajr ħsara għall-prinċipju tas-sussidjarjetà;

W. billi l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà (MES) u t-Trattat dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni u l-Governanza fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja ('il-Patt Fiskali') ġew konklużi f'ambjent intergovernattiv barra mit-Trattati;

X. billi l-Faċilità Ewropea ta' Stabbiltà Finanzjarja (EFSF) u l-ESM huma ftehimiet skont il-liġi internazzjonali konklużi mill-Istati Membri li għandhom l-Euro bħala l-munita tagħhom;

Y. billi għandhom jittieħdu l-passi neċessarji, skont it-TUE u t-TFUE, biex is-sustanza tat-TSKG, li ġie konkluż skont id-dritt internazzjonali mill-Istati Membri kollha ħlief għar-Renju Unit u r-Repubblika Ċeka, tiġi inkorporata fil-qafas ġuridiku tal-Unjoni fi żmien mhux aktar minn ħames snin mid-data tad-dħul fis-seħħ tat-TSKG, abbażi ta' valutazzjoni tal-esperjenza tal-implimentazzjoni tiegħu;

Z. billi l-Patt Euro Plus, l-Istrateġija Ewropa 2020 u l-Patt għal Tkabbir u Impjiegi għandhom jiġu integrati fid-dritt tal-Unjoni u jwittu t-triq għall-introduzzjoni ta' kodiċi ta' konverġenza għall-ekonomiji tal-Istati Membri;

AA. billi l-ftehimiet internazzjonali barra mill-qafas ġuridiku tal-UE li għandhom l-għan li jwettqu l-għanijiet tat-Trattati ġew użati bħala strument ultima ratio assolut għall-integrazzjoni differenzjata, billi jipprovdu obbligu li l-kontenut tal-ftehim internazzjonali kkonċernat jiġi integrat fit-Trattati;

AB. billi t-twaqqif tal-UEM irrappreżenta pass kwalitattiv fl-integrazzjoni, li jiddefinixxi mudell ta' governanza fuq livelli differenti li jolqot kemm l-istituzzjonijiet kif ukoll il-proċeduri;

AC. billi Stat Membru wieħed għandu, jekk jixtieq, deroga permanenti milli jingħaqad fl-euro (Protokoll Nru. 15) u ieħor għandu eżenzjoni kostituzzjonali (Protokoll Nru. 16)

AD. billi fil-qasam tal-politika monetarja d-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw il-BĊE

jipprevedu differenzjazzjoni fl-istruttura istituzzjonali, bil-Kunsill Governattiv bħala l-korp ewlieni li jieħu d-deċiżjonijiet kompost biss minn Stati Membri li l-munita tagħhom hija l-Euro u l-Kunsill Ġenerali li jassoċja l-Istati Membri li mhumiex fiż-żona tal-Euro, kif ukoll fl-istruttura finanzjarja, bil-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri kollha bħala sottoskritti għall-kapital tal-BĊE (l-Artikolu 28.1 tal-Istatut tal-BĊE), iżda biss il-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-Euro li jħallsu s-sehem sottoskritt tagħhom tal-kapital tal-BĊE (l-Artikolu 48.1 tal-Istatut tal-BĊE);

AE. billi l-Artikolu 127(6) TFUE jagħti s-setgħa lill-Kunsill li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-BĊE fir-rigward tal-politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u istituzzjonijiet finanzjarji oħra, bl-eċċezzjoni ta' impriżi tal-assigurazzjoni, u ġie użat bħala l-bażi legali għal regolament li jistabbilixxi l-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku (MSS) għaż-żona tal-euro u jipprevedi parteċipazzjoni volontarja tal-Istati Membri li mhumiex fiż-żona tal-euro billi jistabbilixxi kooperazzjoni mill-qrib mal-BĊE;

AF. billi l-Artikolu 139 TFUE jeżenta lill-Istati Membri b'derogi mill-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet speċifiċi tat-Trattat u mid-drittijiet ta' vot relatati;

AG. billi l-Artikoli 136 u 138 TFUE jipprevedu forma speċifika għall-adozzjoni ta' miżuri applikabbli għall-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro, b'vot mill-Kunsill limitat għar-rappreżentanti ta' dawk l-Istati Membri u, fejn meħtieġ skont il-proċedura, vot tal-Parlament Ewropew sħiħ;

AH. billi l-Artikolu 136 TFUE diġà ntuża b'rabta mal-Artikolu 121.6 għall-adozzjoni tar-regolamenti;

AI. billi, fil-qasam tar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-ispazju, l-Artikolu 184 TFUE jipprovdi għal programmi supplimentari għall-programm ta' qafas multiannwali li jista' jinvolvi biss sottogrupp ta' Stati Membri li jiffinanzjawhom suġġett għal parteċipazzjoni possibbli fl-Unjoni, iżda li jiġu adottati skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja li tinvolvi l-Kunsill kollu u l-Parlament Ewropew kollu, suġġett għall-qbil tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' dawn  il-programmi supplimentari;

AJ. billi, skont l-Artikolu 21 tar-Regolament tal-Kunsill 966/2012, il-prinċipju tal-universalità tal-baġit ma jipprekludix grupp ta' Stati Membri milli jassenjaw kontribuzzjoni finanzjarja lill-baġit tal-UE jew dħul speċifiku għal partita speċifika ta' nefqa, kif qed jiġri diġà, pereżempju, fil-każ tar-reattur ta' fluss għoli skont id-Deċiżjoni 2012/709/Euratom;

AK. billi l-Artikolu 137 TFUE u l-Protokoll 14 jistabbilixxu l-Grupp tal-Euro bħala korp informali;

AL. billi l-funzjonament bla xkiel tal-UEM jirrikjedi implimentazzjoni sħiħa u malajr tal-miżuri li diġà ntlaħaq qbil dwarhom fil-qafas ta' governanza ekonomika msaħħa, bħall-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir (PST) imsaħħaħ u s-Semestru Ewropew, ikkumplimentat minn politiki li jistimolaw it-tkabbir;

AM. billi UEM imsaħħa tirrikjedi kompetenzi, riżorsi finanzjarji u responsabilità demokratika aktar b'saħħithom, u billi l-istabbiliment tagħha għandu jsegwi approċċ b'żewġ passi

bbażat fuq, l-ewwel nett, l-użu sħiħ immedjat tal-potenzjalitajiet tat-Trattati eżistenti u, t-tieni, bidla fit-Trattat li għandha tiġi definita minn Konvenzjoni;

AN. billi sabiex tkun effettiva, leġittima u demokratika, il-governanza tal-UEM għandha tkun ibbażata fuq il-qafas istituzzjonali u ġuridiku tal-Unjoni;

AO. billi l-leġittimità u l-responsabilità demokratika għandhom jiġu żgurati fil-livell li fihom jittieħdu d-deċiżjonijiet;

AP. billi l-UEM hija stabbilita mill-Unjoni, li ċ-ċittadini tagħha huma direttament rappreżentati fil-livell tal-Unjoni mill-Parlament Ewropew;

**A. PRINĊIPJI**

1. Itenni t-talba tiegħu għal UEM ġenwina li ttejjeb il-kompetenzi tal-Unjoni, b'mod partikolari fil-qasam tal-politika ekonomika, u ssaħħaħ il-kapaċità baġitarja tagħha, kif ukoll ir-rwol u l-responsabilità demokratika tal-Kummissjoni u l-prerogattivi tal-Parlament;

2. Huwa tal-fehma li kapaċità baġitarja mkabbra għandha tkun ibbażata fuq ir-riżorsi proprji (inkluża TTF) u fuq kapaċità baġitarja li għandha, fil-qafas tal-baġit tal-Unjoni, tappoġġja t-tkabbir u l-koeżjoni soċjali filwaqt li tindirizza l-iżbilanċi, id-diverġenzi strutturali u l-emerġenzi finanzjarji li huma direttament konnessi mal-Unjoni Monetarja, mingħajr ma tippreġudika l-funzjonijiet tradizzjonali tagħha li tiffinanzja l-politiki komuni;

3. Jilqa' l-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni; jistieden lill-Kummissjoni tagħmel proposti leġiżlattivi malajr kemm jista' jkun, b'kodeċiżjoni fejn ikun ġuridikament possibbli, għall-implimentazzjoni tiegħu mingħajr dewmien, inkluża l-koordinazzjoni baġitarja ulterjuri, l-estensjoni ta' koordinazzjoni ta' politika aktar profonda fil-qasam tat-tassazzjoni u l-impjiegi, u l-ħolqien ta' kapaċità fiskali proprja għall-UEM biex tappoġġja l-implimentazzjoni tal-għażliet ta' politika; jenfasizza li ftit minn dawn l-elementi se jeħtieġu li jiġu emendati t-Trattati;

4. Jemmen li hija meħtieġa azzjoni rapida f'kull wieħed mill-erba' pedamenti li jidhru fir-rapport intitolat "Lejn Unjoni Ekonomika u Monetarja Ġenwina", kif inhu ppreżentat mill-Presidenti Van Rompuy, Juncker, Barroso u Draghi, b'mod partikolari:

   (a) qafas finanzjarju integrat li jiżgura stabbiltà finanzjarja b'mod partikolari fiż-żona tal-euro u li jimminimizza l-ispiża tal-falliment tal-banek għaċ-ċittadini Ewropej; dan il-qafas jgħolli r-responsabbiltà ta' superviżjoni għal-livell Ewropew, u jipprovdi għal mekkaniżmi komuni għar-riżoluzzjoni tal-banek u jiggarantixxu d-depożiti tal-klijenti;

   (b) qafas ta' politika ekonomika integrata li jkollu mekkaniżmi suffiċjenti biex jiżgura li l-politiki nazzjonali u Ewropej attwali jippromovu tkabbir sostenibbli, impjiegi u kompetittività, u jkunu kumpatibbli mal-funzjonament bla xkiel tal-EMU;

   (c) l-iżgurar tal-leġittimità demokratika u tar-responsabilità neċessarja tat-teħid ta' deċiżjonijiet fi ħdan l-EMU, ibbażati fuq l-eżerċizzju konġunt ta' sovranità għall-politiki komuni u s-solidarjetà;

5. Huwa tal-opinjoni li diviżjoni aħjar u iżjed ċara tal-kompetenzi u r-riżorsi bejn l-UE u l-Istati Membri tista' u għandha timxi id f'id ma' kontroll parlamentari iżjed b'saħħtu u responsabilità fir-rigward tal-kompetenzi nazzjonali;

6. Itenni li sabiex tkun leġittima u demokratika b'mod effettiv, il-governanza ta' UEM ġenwina għandha titqiegħed fi ħdan il-qafas istituzzjonali tal-Unjoni;

7. Iqis id-differenzjazzjoni bħala mezz utli u xieraq għall-promozzjoni ta' integrazzjoni iżjed fil-fond, li, sal-punt li tissalvagwardja l-integrità tal-UE, tista' tkun essenzjali sabex tinkiseb UEM ġenwina fi ħdan l-Unjoni;

8. Jenfasizza li l-proċeduri ta' integrazzjoni differenzjata skont it-Trattati jippermettu li jittieħed l-ewwel pass fl-istabbiliment ta' UEM ġenwina li hi konsistenti bis-sħiħ mar-rekwiżiti ta' responsabilità demokratika aktar b'saħħitha, żieda fir-riżorsi finanzjarji u kapaċità msaħħa ta' teħid ta' deċiżjonijiet u jitlob lill-istituzzjonijiet kollha biex jipproċedu b'ħeffa billi jimmassimmizzaw il-possibilitajiet offruti mit-Trattati eżistenti u mill-elementi ta' flessibilità tagħhom u fl-istess ħin biex iħejju għat-tibdiliet meħtieġa fit-Trattati sabiex jiggarantixxu ċertezza legali u leġittimità demokratika; itenni li l-għażla ta' ftehim intergovernattiv ġdid għandha tiġi eskluża;

9. Jenfasizza li t-tibdiliet fit-Trattati li huma bżonnjużi għall-ikkompletar ta' UEM ġenwina u l-istabbiliment ta' Unjoni taċ-ċittadini u stati jistgħu jibnu fuq l-istrumenti, proċeduri, prattiki eżistenti u fuq filosofija ta' integrazzjoni differenzjata filwaqt li tittejjeb l-effikaċja u l-koerenza tagħhom u jikkonferma li se juża bis-sħiħ il-prerogattiva tiegħu li jressaq proposti lill-Kunsill għall-emenda tat-Trattati, li sussegwentement jeħtieġ li jiġu eżaminati minn Konvenzjoni, sabiex jitlesta għalkollox il-qafas ta' UEM ġenwina;

10. Ifakkar li d-dibattitu dwar il-governanza b'diversi livelli m'għandux jidduplika l-kwistjoni tal-governanza b'diversi livelli, li għandha x'taqsam mal-bilanċ tal-poteri u l-involviment tal-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali;

11. Jenfasizza li sabiex tkun konsistenti man-natura tagħha li tkun mezz li tippromwovi l-integrazzjoni, issalvagwardja l-unità tal-UE u tiggarantixxi rispett sostanzjali tal-prinċipju tal-ugwaljanza, id-differenzjazzjoni għandha tibqa' miftuħa u għandu jkollha l-għan li finalment tinkludi l-Istati Membri kollha;

12. Jenfasizza li, għal żvilupp pożittiv tal-Unjoni Ewropea, huwa meħtieġ li jinkiseb bilanċ bejn il-politika tal-impjiegi u dik ekonomika, skont l-Artikolu 121 tat-TFUE u l-Artikolu 148 tat-TFUE.

**B. PROĊEDURI**

13. Huwa tal-opinjoni li d-differenzjazzjoni għandha preferibbilment issir, fejn hu possibbli, fi ħdan att legali indirizzat lill-Istati Membri kollha permezz ta' derogi u klawżoli ta' salvagwardja, minflok l-esklużjoni a priori ta' xi Stati Membri mill-ambitu territorjali tal-applikazzjoni ta' att legali; jenfasizza madankollu li għadd kbir ta' derogi u klawżoli ta' salvagwardja jdgħajfu l-unità tal-UE kif ukoll il-konsistenza u l-effikaċja tal-qafas ġuridiku tagħha;

14. Huwa tal-fehma li l-koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi, tal-impjiegi u soċjali tappartjeni lill-kategorija tal-kompetenzi kondiviżi, li skont l-Artikolu 4(1) TFUE tinkludi l-oqsma kollha li mhumiex inklużi fil-listi eżawrjenti tal-kompetenzi esklussivi jew ta' sostenn;

15. Huwa tal-opinjoni li, b'konsegwenza, l-ispeċifiċità ta' miżuri adottati taħt l-Artikolu 136 TFUE ma tirrelatax biss mal-fatt li dawk il-miżuri huma speċifiċi għall-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro, iżda timplika wkoll li jista' jkollhom forza vinkolanti ikbar; billi l-Artikolu 136 tat-TFUE jippermetti lill-Kunsill, fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni u permezz tal-votazzjoni tal-Istati Membri biss li l-munita tagħhom hija l-euro, jadotta linji gwida vinkolanti dwar il-politika ekonomika għall-pajjiżi taż-żona tal-euro fil-qafas tas-Semestru Ewropew;

16. Jenfasizza li, fejn xi Stati Membri ma jridux jieħdu sehem fl-adozzjoni ta' att legali fil-qasam tal-kompetenzi mhux esklussivi tal-Unjoni, għandha tiġi stabbilita kooperazzjoni msaħħa skont id-dispożizzjoni rilevanti tat-Trattat minflok il-konklużjoni ta' ftehimiet internazzjonali barra mill-qafas tal-ordiament ġuridiku tal-UE;

17. Iqis li l-Artikolu 352 TFUE, li jagħti s-setgħa lill-Kunsill li jadotta miżuri xierqa għall-kisba ta' wieħed mill-għanijiet stabbiliti fit-Trattati jekk it-Trattati ma jkunux ipprovdew is-setgħat meħtieġa, jista' jintuża b'rabta mal-Artikolu 20 TUE, biex b'hekk tiġi permessa l-attivazzjoni tal-klawżola ta' flessibbiltà, fejn ma jkunx jista' jinkiseb kunsens unanimu fil-Kunsill permezz tal-mekkaniżmu tal-kooperazzjoni msaħħa;

18. Jistieden lill-Istati Membri, f'ċirkostanzi fejn hemm diverġenza fid-direzzjoni politika bejn Stati Membri li qed tipprevjeni l-progress, jespandu l-prinċipju tal-kooperazzjoni msaħħa biex jinkludi l-politiki soċjali u tal-impjiegi.

19. Iqis li l-inklużjoni tan-nefqa li tirriżulta mill-implimentazzjoni ta' kooperazzjoni msaħħa fil-baġit tal-UE bħala dħul ieħor jew bħala riżors proprju speċifiku hija meħtieġa sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-prinċipji tal-liġi dwar il-baġit tal-UE u sabiex tiġi ssalvagwardjata l-pożizzjoni kruċjali tal-Parlament Ewropew bħala awtorità baġitarja;

20. Jitlob li jsir użu sistematiku tal-Artikolu 333(2) TFUE meta tkun qed tiħi stabbilita kooperazzjoni msaħħa fi ħdan qasam kopert minn kompetenza mhux esklussiva tal-Unjoni li tirreferi għal proċedura leġiżlattiva speċjali, u jitlob lill-Kunsill sabiex jadotta deċiżjoni permezz ta' vot unanimu tal-Istati Membri parteċipanti li tistipula li, għall-finijiet tal-kooperazzjoni msaħħa, dawn ikollhom l-intenzjoni li jaġixxu taħt il-proċedura leġiżlattiva ordinarja;

21. Jitlob, fejn hu possibbli, l-użu sistematiku tal-klawżola "passerelle" tal-Artikolu 48(7) TUE fi proċeduri oħra minbarra l-kooperazzjoni msaħħa sabiex tissaħħaħ il-leġittimità demokratika u l-effikaċja tal-governanza tal-UEM;

22. Iqis li meta l-użu tal-klawżola "passerelle" mhuwiex possibbli, bħal pereżempju fil-każ tal-adozzjoni tal-linji gwida dwar il-politika ekonomika u tal-impjiegi jew l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, għandu jsir użu sħiħ mill-possibbiltà li jiġu konklużi ftehimiet interistituzzjonali ta' natura vinkolanti;

23. Ifakkar li l-iskop tal-Artikolu 48 TUE huwa wkoll li jiggarantixxi l-leġittimità demokratika ta’ kwalunkwe bidla fit-trattat permezz tar-rekwiżit tal-involviment obbligatorju tal-Parlament Ewropew fil-proċedura ta’ emenda u tal-parlamenti nazzjonali fil-proċedura ta’ ratifika sussegwenti;

24. Ma jaqbilx mat-terminu ‘arranġamenti kuntrattwali’ u jinkoraġġixxi li jinstabu modi aħjar biex il-fondi disponibbli taħt l-istrument għall-konverġenza u l-kompetittività (CCI) u r-riformi strutturali jingħaqdu b’mod formali, u jtenni li n-nuqqas ta’ kompetenzi tal-Unjoni u tas-setgħat tal-Unjoni jista’ jingħeleb, fejn meħtieġ bl-użu tal-proċeduri xierqa stipulati fit-Trattati jew, fin-nuqqas ta’ bażi legali xierqa, billi jiġu emendati t-Trattati;

## C. DEMOKRAZIJA U ISTITUZZJONIJIET

25. Ifakkar li skont l-Artikolu 3.4 TUE, l-UEM hi stabbilita mill-Unjoni u l-funzjonament tagħha għandu jissejjes fuq demokrazija rappreżentattiva;

26. Jenfasizza li l-Parlament Ewropew huwa l-unika istituzzjoni tal-UE li fiha ċ-ċittadini huma direttament rappreżentati fil-livell tal-Unjoni u huwa l-korp parlamentari tal-UEM, u li l-involviment xieraq tiegħu huwa essenzjali sabiex jiġu żgurati l-leġittimità u l-funzjonament demokratiċi tal-UEM u huwa pre-kundizzjoni għal kwalunkwe pass 'il quddiem lejn unjoni bankarja, unjoni fiskali u unjoni ekonomika;

27. Jenfasizza li leġittimità u responsabbilità xierqa għandhom jiġu żgurati fl-livell nazzjonali u tal-UE mill-parlamenti nazzjonali u mill-Parlament Ewropew, rispettivament;
ifakkar fil-prinċipju stipulat fil-konklużjonijiet tal-laqgħa tal-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2012 li "matul il-proċess, l-objettiv ġenerali jibqa' li jiġu żgurati l-leġittimità u r-responsabbiltà demokratika fil-livell li fih jittieħdu u jiġu implimentati d-deċiżjonijiet";28. Jiddispjaċih għalhekk għan-nuqqas ta’ skrutinju parlamentari tat-Trojka, l-EFSF u l-MES;

29. Huwa tal-fehma li kwalunkwe differenzjazzjoni formali tad-drittijiet tal-parteċipazzjoni parlamentari fir-rigward tal-oriġini tal-Membri tal-Parlament Ewropew tirrappreżenta diskriminazzjoni abbażi tan-nazzjonalità, li l-projbizzjoni tagħha hija prinċipju fundatur tal-Unjoni Ewropea, u tikser il-prinċipju tal-ugwaljanza taċ-ċittadini tal-Unjoni kif imnaqqax fl-Artikolu 9 TUE;

30. Iqis li fil-każ ta’ miżuri adottati skont l-Artikolu 136 TFUE jew fil-każ tal-istabbiliment ta’ kooperazzjoni msaħħa, l-assimetrija li tirriżulta mill-involviment, fuq naħa waħda, tar-rappreżentanti tal-Istati Membri fil-Kunsill li l-munita tagħhom hija l-euro (jew tar-rappreżentanti tal-pajjiżi parteċipanti), u fuq in-naħa l-oħra, tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni bħala rappreżentanti taċ-ċittadini kollha tal-Unjoni u l-promozzjoni tal-interess ġenerali tagħha, hija kompletament koerenti mal-prinċipji ta’ differenzjazzjoni u ma tnaqqasx iżda, għall-kuntrarju, ittejjeb il-leġittimità ta’ dawk il-miżuri;

31. Jenfasizza li r-regoli interni tal-Parlament Ewropew joffru marġini suffiċjenti ta’ manuvrar għall-organizzazzjoni ta’ forom speċifiċi ta’ differenzjazzjoni abbażi ta’ ftehim politiku fi ħdan u fost il-gruppi politiċi sabiex jiġi provdut skrutinju xieraq tal-UEM, u jitlob l-istabbiliment ta’ sottokumitat li jipprovdi dan l-iskrutinju u jtejjeb il-koerenza tal-

approċċ tal-Parlament lejn l-UEM;

32. Iqis li huwa importanti li tiġi intensifikata l-kooperazzjoni mal-parlamenti nazzjonali abbażi tal-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 1 anness mat-Trattati, u jilqa' l-ftehim dwar l-istabbiliment ta' konferenza interparlamentari li tiddiskuti l-politiki baġitarji u ekonomiċi; jenfasizza, madankollu li din il-kooperazzjoni ma għandhiex tkun intiża għall-istabbiliment ta' korp parlamentari konġunt sħiħ, li jkun ineffettiv u illeġittimu mill-aspett demokratiku u kostituzzjonali u jafferma mill-ġdid li ma jeżisti l-ebda sostitut għat-tisħiħ formali tal-leġittimità sħiħa tal-Parlament Ewropew, bħala korp parlamentari fil-livell tal-Unjoni bil-għan li tissaħħaħ il-governanza demokratika tal-UEM;

33. Jenfasizza li l-Summit tal-Euro u l-Grupp tal-Euro huma korpi informali għad-diskussjoni u mhux istituzzjonijiet għat-teħid tad-deċiżjonijiet fil-governanza tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja;

34. Jenfasizza r-rwol ċentrali tal-Kummissjoni fil-governanza tal-UEM, kif ikkonfermat ukoll mill-Patt Fiskali u t-trattati tal-MES, f'li tiggarantixxi l-ordinament ġuridiku tat-trattati tal-UE u taqdi l-interess komuni tal-Unjoni kollha kemm hi;

## D. INTEGRAZZJONI DIFFERENZJATA FI ĦDAN IT-TRATTATI EŻISTENTI: LEJN UEM ĠENWINA

35. Jemmen li l-metodu Komunitarju għandu jintuża għall-miżuri kollha mmirati lejn it-tisħiħ tal-UEM; ifakkar fl-Artikolu 16 tat-TSKG, li jiddikjara li, fi żmien massimu ta' ħames snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dak it-Trattat, fuq bażi ta' valutazzjoni tal-esperjenza bl-implimentazzjoni tiegħu, iridu jittieħdu l-passi neċessarji, skontit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, bil-għan li s-sustanza tat-Trattat tiġi inkorporata fil-qafas ġuridiku tal-Unjoni Ewropea;

36. Jenfasizza li l-Istati Membri li jużaw l-euro bħala l-munita tagħhom u dawk impenjati biex jadottawha għandhom bżonn jirduppjaw l-isforzi tagħhom biex isaħħu l-istabbiltà u l-konformità mat-Trattat, u jżidu l-kompetittività, l-effiċjenza, it-trasparenza u r-responsabbiltà demokratika; ifakkar li l-euro hija l-munita tal-Unjoni Ewropea u li l-Istati Membri kollha, ħlief dawk li għandhom deroga, huma mistennija jadottaw l-euro meta jasal il-waqt;

37. Jinnota li, bil-għan li jtaffu l-kriżi u jwieġbu għan-nuqqasijiet strutturali fl-arkitettura tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja, il-gvernijiet nazzjonali u l-istituzzjonijiet Ewropej implimentaw firxa wiesgħa ta' miżuri biex isalvagwardjaw l-istabbiltà finanzjarja u jtejbu l-governanza ekonomika; jinnota li dawn id-deċiżjonijiet, bħal ċerti dispożizzjonijiet tas-Six Pack u l-ħolqien tal-MES, jikkonċernaw biss lill-Istati Membri taż-żona tal-euro;

38. Jilqa' t-twaqqif ta' mekkaniżmu superviżorju uniku li jkopri ż-żona tal-euro u li hu miftuħ għall-Istati Membri l-oħra kollha tal-UE; jenfasizza li l-ħolqien ta' mekkaniżmu uniku għar-riżoluzzjoni tal-banek huwa pass indispensabbli fit-twaqqif ta' unjoni bankarja ġenwina; jikkunsidra li, biex jingħelbu n-nuqqasijiet strutturali inerenti fl-unjoni ekonomika u monetarja u biex jitrażżan b'mod effikaċi l-periklu morali mifrux, l-'unjoni bankarja' proposta għandha tislet mir-riforma li kienet saret aktar qabel tas-settur tas-servizzi finanzjarji tal-Unjoni, kif ukoll il-governanza ekonomika msaħħa, speċjalment

fiż-żona tal-euro, u l-qafas baġitarju l-ġdid tas-Semestru Ewropew, biex jiġu żgurati reżiljenza u kompetittività akbar tas-settur bankarju tal-Unjoni, fiduċja akbar fih, u riżervi kapitali msaħħa biex jiġi evitat li, fil-futur, il-baġits pubbliċi tal-Istati Membri jkollhom iħallsu l-ispejjeż tas-salvataġġi finanzjarji tal-banek;

39. Jinsab estremament inkwetat dwar id-dewmien biex tiġi stabbilita l-unjoni bankarja u l-modalitajiet prattiċi tar-rikapitalizzazzjoni diretta tal-attivitajiet bankarji mill-MES; jinsab allarmat, b'mod partikolari, minħabba l-frammentazzjoni li qed isseħħ bħalissa tas-sistema bankarja tal-UE; jenfasizza li unjoni bankarja robusta u ambizzjuża hija komponent ewlieni ta' UEM aktar profonda u ġenwina, u politika ewlenija li fuqha l-Parlament ilu jinsisti għal aktar minn tliet snin, b'mod partikolari mindu ġew adottati l-pożizzjonijiet tiegħu dwar ir-regolament dwar l-Awtorità Bankarja Ewropea;

40. Iqis id-dispożizzjoni tar-regolament MSU li tirrikjedi l-kunsens mill-Parlament Ewropew għall-ħatra tal-presidenza u l-viċi-presidenza tal-Bord Superviżorju bħala preċedent importanti għal rwol imtejjeb tal-PE fil-governanza tal-UEM ibbażata fuq id-differenzjazzjoni;

41. Jappoġġja l-istrumenti ta' solidarjetà ġodda, bħall-"istrument ta' konverġenza u kompetittività" (CCI); iqis li l-kunċett tas-CCI jista' jsaħħaħ is-sjieda u l-effikaċja tal-politika ekonomika; jenfasizza li tali strumenti jridu jitfasslu b'tali mod li jevitaw kwalunkwe inċertezza ġuridika u t-twessigħ tad-defiċit demokratiku tal-Unjoni;

42. Jistieden lill-Kummissjoni tressaq, skont is-Semestru Ewropew, proposta għall-adozzjoni ta' kodiċi ta' konverġenza bbażat fuq l-istrateġija Ewropa 2020 u li jkun jistabbilixxi pilastru soċjali b'saħħtu; jinsisti li l-programmi ta' implimentazzjoni nazzjonali għandhom jiżguraw li l-kodiċi ta' konverġenza jiġi implimentat mill-Istati Membri kollha, appoġġjati minn mekkaniżmu bbażat fuq l-inċentivi;

43. Jenfasizza li mekkaniżmu ta' inċentiv ikun isaħħaħ in-natura vinkolanti tal-koordinazzjoni tal-politika ekonomika;

44. Jirrimarka li l-ħolqien ta' mekkaniżmu ta' infurzar ibbażat fuq l-inċentivi u mmirat biex iżid is-solidarjetà, il-koeżjoni u l-kompetittività għandu jmur id f'id ma' saffi addizzjonali tal-koordinazzjoni tal-politika ekonomika kif mistqarr fid-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni li takkumpanja "it-two pack" sabiex jiġi rispettat il-prinċipju li skontu "l-passi lejn aktar responsabbiltà u dixxiplina ekonomika jingħaqdu flimkien ma' aktar solidarjetà";

45. Jenfasizza li l-mekkaniżmi għall-koordinazzjoni ex-ante, u l-istrumenti tal-konverġenza u l-kompetittività, għandhom japplikaw għall-Istati Membri kollha li l-munita tagħhom hija l-euro bil-possibbiltà li Stati Membri oħra jingħaqdu fuq bażi permanenti; jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi għal tali validazzjoni obbligatorja min-naħa tal-parlamenti nazzjonali fil-proposti leġiżlattivi li se jsiru dalwaqt, kif ukoll tiżgura involviment akbar taż-żewġ naħat tal-industrija fil-koordinazzjoni ekonomika;

46. Huwa tal-opinjoni li kwalunkwe strument tas-CCI ġdid propost għandu jkun ibbażat fuq il-kondizzjonalità, is-solidarjetà u l-konverġenza. jemmen li tali strument għandu jiġi varat biss wara li jkunu ġew identifikati l-isbilanċi soċjali u l-ħtieġa ta' riformi strutturali maġġuri u fit-tul għat-tisħiħ ta' tkabbir sostenibbli abbażi ta' valutazzjoni tal-koerenza

bejn il-kodiċi ta' konverġenza u l-pjanijiet ta' implimentazzjoni nazzjonali bl-involviment formali xieraq tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-parlamenti nazzjonali;

47. Jenfasizza li s-CCI l-ġdid li għandu jiġu stabbilit għandu japplika għall-Istati Membri kollha taż-żona tal-euro u jkun miftuħ għall-Istati Membri tal-Unjoni kollha filwaqt li jqis l-interdipendenza aktar b'saħħitha tal-Istati Membri taż-żona tal-euro; huwa tal-fehma li l-Istati Membri fil-programm għandhom jitħallew jipparteċipaw fuq bażi volontarja;

48. Huwa tal-fehma li s-CCI għandu jservi ta' vettura għal żieda fil-kapaċità baġitarja u jkun immirat lejn appoġġ kundizzjonali tar-riformi strutturali, u b'hekk iżid il-kompetittività, it-tkabbir u l-koeżjoni soċjali, filwaqt li jiżgura koordinazzjoni aktar mill-qrib tal-politiki ekonomiċi u konverġenza sostenuta tal-prestazzjoni ekonomika tal-Istati Membri, u jindirizza l-iżbilanċi u d-diverġenzi strutturali; huwa tal-fehma li tali strumenti jservu ta' pedamenti lejn kapaċità fiskali ġenwina;

49. Iqis l-istabbiliment ta' dan l-istrument bħala fażi inizjali fit-tisħiħ tal-kapaċità fiskali tal-UEM, u jenfasizza li r-riżorsi finanzjarji tas-CCI għandhom ikunu parti integrali mill-baġit tal-UE, iżda lil hinn mil-limiti massimi tal-QFP, biex jiġu rrispettati t-Trattati u d-dritt tal-UE u jiġi żgurat li l-Parlament Ewropew huwa involut b'mod sħiħ bħala awtorità baġitarja billi, fost l-oħrajn, jippermetti l-adozzjoni każ każ tal-approprjazzjonijiet baġitarji rilevanti;

50. Jitlob l-inklużjoni ta' riżors proprju ġdid iffinanzjat minn kontribuzzjonijiet imħallsa minn Stati Membri li qed jipparteċipaw fis-CCI taħt Deċiżjoni ta' Riżorsi Proprji modifikata u billi jiġi assenjat id-dħul ta' dan ir-riżors proprju ġdid għan-nefqa tas-CCI, u jitlob l-emenda tad-Deċiżjonijiet tar-Riżorsi Proprji jew, jekk dan mhux possibbli, għall-użu tad-dħul tat-Taxxa fuq it-Transazzjonijiet Finanzjarji bħala dħul ieħor sabiex jiġu kkumpensati tali kontribuzzjonijiet diretti;

51. Jinsisti li fil-Kunsill Ewropew tar-rebbiegħa l-President tal-Parlament għandu jippreżenta l-fehmiet tal-Parlament dwar L-istħarriġ annwali dwar it-tkabbir; hu tal-fehma li għandu jiġi nnegozjat ftehim interistituzzjonali sabiex il-Parlament jiġi involut fl-approvazzjoni tal-istħarriġ annwali dwar it-tkabbir u tal-linji gwida għall-politika ekonomika u l-impjiegi.

52. Itenni l-ħtieġa li tissaħħaħ id-dimensjoni soċjali tal-UEM permezz tal-bini ta' pilastru soċjali, filwaqt li jafferma mill-ġdid li l-politika tal-impjiegi u l-politika soċjali huma politiki tal-Unjoni;

53. Itenni li skont it-Trattati, il-promozzjoni ta' rata għolja ta' impjiegi u l-garanzija ta' protezzjoni soċjali adegwata għandhom ikunu kkunsidrati fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politiki u l-attivitajiet tal-Unjoni ; jitlob l-istabbiliment ta' rati ta' referenza għall-impjiegi u soċjali li jikkumplementaw l-indikaturi fiskali u makroekonomiċi, kif ukoll rapporti ta' progress dwar ir-riformi strutturali, l-għan ikun li jkun żgurat livell xieraq u effiċjenti ta' investiment soċjali u għalhekk is-sostenibilità ta' Unjoni Ewropea soċjali f'perspettiva fit-tul.

54. Ifakkar li l-'patt fiskali' għandu jiġi integrat fid-dritt tal-UE fi żmien ta' mhux aktar minn ħames snin, abbażi ta' valutazzjoni tal-esperjenza bl-implimentazzjoni tiegħu, kif stipulat

fl-Artikolu 16 tat-Trattat dwar Stabbiltà, Koordinazzjoni u Governanza fl-UEM;

55. Iqis li għandu jkun hemm rifinanzjament gradwali tad-dejn eċċessiv f'fond ta' tifdija, ibbażat fuq il-proposta tal-Kunsill Ekonomiku tal-Esperti Ġermaniż, li jipprevedi l-ħolqien temporanju ta' fond li jiġbor fih id-dejn kollu li jkun ogħla minn 60 % tal-Istati Membri li jissodisfaw ċerti kriterji, bid-dejn li jinfeda fuq perjodu ta' madwar 25 sena, b'hekk jinħoloq fond li, flimkien mal-infurzar tal-mekkaniżmi eżistenti kollha, jgħin biex fil-futur, id-dejn totali tal-Istati Membri jinżamm taħt is-60 %;

56. Jilqa' l-fatt li, fit-2 ta' Lulju 2013, il-Kummissjoni waqqfet grupp ta' esperti, wara l-ftehimiet "2-Pack", taħt il-presidenza tas-Sinjura Gertrude Trumpel-Gugerell, li għandu l-kompitu li jivvaluta bir-reqqa l-karatteristiċi ewlenin ta' fond ta' tifdija potenzjali u eurokambjali, inkluż kwalunkwe dispożizzjoni legali, arkitettura finanzjarja u oqfsa baġitarji kumplementari, u bi ħsiebu jiddikjara l-pożizzjoni tiegħu dwar dawn il-kwistjonijiet wara li jitressaq ir-rapport tal-grupp ta' esperti;

57. Iqis li l-armonizzazzjoni tal-bażijiet tat-taxxi diretti taħt l-Artikolu 115 TFUE u t-taxxi indiretti taħt l-Artikolu 113 TFUE hija pass importanti lejn l-istabbiliment ta' unjoni ekonomika ġenwina, sabiex tkun tista' tiġi stabbilita kooperazzjoni msaħħa jekk ma tkunx tista' tinkiseb l-unanimità meħtieġa fil-Kunsill;

58. Iqis li l-operazzjonijiet tal-EFSF/MES u kull struttura simili fil-ġejjieni għandhom ikunu soġġetti għal kontroll u sorveljanza demokratika regolari mill-Parlament Ewropew; Iqis li l-operazzjonijiet tal-EFSF/MES u kull struttura simili fil-ġejjieni għandhom ikunu soġġetti għal kontroll u sorveljanza demokratika regolari mill-Parlament Ewropew;

59. Jindika li t-trojka qed tiddetermina l-politiki ekonomiċi ta' wħud mill-Istati Membri bħala kontroparti għall-fondi rekwiżiti biex dawn jibqgħu vijabbli u biex jinkiseb aċċess mill-ġdid għas-swieq tal-flus; iżid jgħid li, madankollu, dawn xorta jridu jibqgħu jinżammu responsabbli b'mod xieraq; huwa tal-fehma li l-Kummissjoni għandha tirrapporta b'mod regolari f'isem it-Trojka quddiem il-Parlament Ewropew, permezz ta' rappurtar regolari; ifakkar li l-parteċipazzjoni tal-UE fis-sistema tat-'trojka' għandha tkun soġġetta għall-iskrutinju demokratiku mill-Parlament u għall-obbligu ta' għoti ta' rendikont quddiemu;

60. Itenni t-talbiet insistenti ripetuti tiegħu li l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà (MES) jiġi integrat fl-acquis Komunitarju ħalli jkun jista' jiġi mmaniġġjat skont il-metodu Komunitarju, u li jingħata l-obbligu ta' rendikont quddiem il-Parlament; jitlob lill-Kummissjoni tressaq proposta għal dak il-għan; ifakkar lill-Grupp tal-euro li l-Parlament irċieva assigurazzjonijiet bil-miktub li l-MES se jkun soġġett għall-iskrutinju tal-Parlament;

## E. INTEGRAZZJONI DIFFERENZJATA U BIDLIET FIT-TRATTATI

61. Iqis li kwalunkwe tibdil futur fit-trattati għandu jafferma integrazzjoni differenzjata bħala għodda li tikseb integrazzjoni akbar filwaqt li ssalvagwardja l-unità tal-Unjoni;

62. Huwa tal-fehma li bidla futura fit-trattati tista' tintroduċi livell ġdid ta' sħubija assoċjata, inkluża integrazzjoni parzjali f'oqsma speċifiċi tal-politika tal-Unjoni bħala mezz sabiex

tissaħħaħ il-Politika Ewropea tal-Viċinat;

63. Jitlob biex fit-tlaqqigħ ta' Konvenzjoni ikun hemm l-ftuħ u t-trasparenza sħaħ skont l-Artikolu 48(3) TUE u jħeġġeġ li s-soċjetà ċivili fl-istadji kollha tal-Konvenzjoni jkollha l-possibbiltà li tipparteċipa fid-deliberazzjonijiet.

64. Iqis li bidla futura fit-Trattati għandha tafferma l-Eurosummit bħala konfigurazzjoni informali tal-Kunsill Ewropew, kif stipulat fit-Titolu V tat-TSKG;

65. Jissuġġerixxi li l-Grupp tal-Euro jsir konfigurazzjoni informali tal-Kunsill tal-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji;

66. Jitlob li l-Kummissarju għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji jkun Ministru tat-Teżor u Viċi President tal-Kummissjoni permanenti;

67. Jitlob bidla, b'eċċezzjonijiet limitati, fil-proċeduri ta' votazzjoni fil-Kunsill li jirrikjedu unanimità għal maġġoranza kwalifikata, u li l-proċeduri leġiżlattivi speċjali eżistenti jiġu konvertiti fi proċeduri leġiżlattivi ordinarji;

68. Jitlob l-introduzzjoni ta' bażi legali sabiex jiġu stabbiliti aġenziji tal-Unjoni li jistgħu jwettqu funzjonijiet eżekuttivi u implimentattivi speċifiċi mogħtija lilhom mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja;

69. Iqis il-votazzjoni permezz ta' maġġoranza kwalifikata bil-maqlub fil-Patt Fiskali aktar bħala dikjarazzjoni politika milli strument effettiv ta' teħid ta' deċiżjonijiet, u jitlob għalhekk l-integrazzjoni tal-RQM fit-Trattati, speċjalment fl-Artikoli 121, 126 u 136 TFUE, b'tali mod li l-proposti jew ir-rakkomandazzjonijiet sottomessi mill-Kummissjoni jkunu jistgħu jidħlu fis-seħħ jekk ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament jew mill-Kunsill fi żmien ċertu perjodu definit minn qabel, sabiex tiġi żgurata ċertezza tad-dritt sħiħa;

70. Iħeġġeġ l-introduzzjoni tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja għall-adozzjoni tal-linji gwida wiesgħa tal-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri u tal-Unjoni taħt l-Artikolu 121(2) TFUE u tal-linji gwida tal-impjiegi taħt l-Artikolu 148(2) TFUE.

71. Jiffavorixxi l-inklużjoni fil-proċeduri tat-teħid tad-deċiżjonijiet taħt l-Artikolu 121(4) TFUE u l-Artikolu 148(4) TFUE tad-dritt tal-Parlament li jipproponi emendi għal proposta tal-Kummissjoni għal rakkomandazzjoni qabel l-adozzjoni tagħha mill-Kummissjoni, filwaqt li jirrikonoxxi li l-proċedura ta' sorveljanza multilaterali tirrikjedi li jittieħdu deċiżjonijiet malajr;

72. Jitlob l-inklużjoni tal-Parlament fil-proċedura ta' sorveljanza baġitarja taħt l-Artikolu 126 TFUE, bid-dritt li jemenda proposta tal-Kummissjoni għal rakkomandazzjoni li tista' tiġi miċħuda b'maġġoranza kwalifikata tal-Kunsill jekk il-Kummissjoni tagħti opinjoni negattiva;

73. Jitlob li jiġi emendat l-Artikolu 136 TFUE sabiex l-ambitu tiegħu jitwessa' għall-parteċipazzjoni volontarja minn Stati Membri li mhumiex fiż-żona tal-euro, filwaqt illi jipprovdi għal drittijiet tal-vot sħaħ f'konformità mal-proċedura ta' kooperazzjoni msaħħa,

u jitlob it-tneħħija tar-restrizzjonijiet taħt l-Artikolu 136 TFUE u l-aġġornament ta' dan l-artikolu fi klawżola ġenerali għall-adozzjoni ta' atti legali li jikkonċernaw il-koordinazzjoni u l-istabbiliment ta' standards minimi legalment vinkolanti fir-rigward ta' politika ekonomika, tal-impjiegi u soċjali;

74. Jitlob l-estensjoni tal-bażi legali fl-Artikolu 127(6) TFUE għall-istituzzjonijiet finanzjarji kollha inklużi l-impriżi tal-assigurazzjoni stabbiliti fis-suq intern;

75. Jitlob l-inklużjoni tal-Parlament fil-proċedura ta' ħatra tal-President, il-Viċi-President u membri oħra tal-Bord Eżekuttiv tal-BĊE fl-Artikolu 283 TFUE, billi jirrkjedi l-kunsens tiegħu għar-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill;

76. Jistieden lill-Konvenzjoni jmiss li teżamina l-possibilità li tkun introdotta proċedura leġiżlattiva speċjali li tirrikjedi erbgħa minn kull ħames voti fil-Kunsill u maġġoranza tal-membri komponenti tal-Parlament taħt l-Artikolu 312 TFUE għall-adozzjoni tar-regolament li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali;

77. Jistieden lill-Konvenzjoni li jmiss teżamina l-possibilità li tkun introdotta proċedura leġiżlattiva speċjali li tirrikjedi erbgħa minn kull ħames voti fil-Kunsill u maġġoranza tal-membri komponenti tal-Parlament taħt l-Artikolu 311(3) TFUE għall-adozzjoni tad-Deċiżjoni tar-Riżorsi Proprji;

78. Jistieden lill-Konvenzjoni li jmiss tippermetti l-possibbiltà li l-Unjoni tibbaġitja għal defiċit li m'għandux jeċċedi valur ta' referenza li għandu jkun speċifikat fit-Trattati, flimkien mal-istabbiliment ta' mekkaniżmi xierqa li jiżguraw li jiġi evitat defiċit eċċessiv fil-livell Ewropew;

79. Jistieden lill-Konvenzjoni li jmiss teżamina l-possibilità li dawk l-Istati Membri li għandhom l-Euro bħala l-munita tagħhom u dawk l-Istati Membri kollha li jixtiequ jipparteċipaw fil-politiki komuni l-ġodda jipprovdu għar-riżorsi speċifiċi proprji fil-qafas tal-baġit tal-UE;

80. Huwa tal-fehma li l-mezzi finanzjarji tal-aġenziji tal-Unjoni għandhom ikunu parti integrali mill-baġit tal-Unjoni;

81. Jitlob li l-kunsens tal-Parlament Ewropew għandu jkun rekwiżit fl-emendi tat-Trattati, b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri komponenti tiegħu;

82. Jinsisti li l-Konvenzjoni futura għandu jkollha l-akbar leġittimità demokratika possibbli billi tinvolvi wkoll l-imsieħba soċjali, is-soċjetà ċivili u partijiet interessati oħra; tasal għad-deċiżjonijiet tagħha in plenum skont regoli demokratiċi sħaħ; ikollha ħin adegwat għal deliberazzjoni serja u bir-reqqa; topera bi trasparenza sħiħa u l-laqgħat kollha tagħha jkunu miftuħin għall-pubbliku;

83. Jistieden lill-Konvenzjoni li jmiss li teżamina l-possibilità li emendi futuri fit-Trattati li jidħlu fis-seħħ fl-Unjoni kollha wara r-ratifika tagħhom minn erbgħa minn kull ħamsa mill-Istati Membri li jirrappreżentaw maġġoranza tal-popolazzjoni tal-Unjoni, skont ir-rekwiżiti kostituzzjonali rispettivi tagħhom;

84. Iħeġġeġ l-estensjoni tal-klawżola “passerelle” fl-Artikolu 48(7) TUE għat-Trattati kollha;

85. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

30.10.2013

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJIET EKONOMIĊI U MONETARJI

għall-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali

dwar problemi kostituzzjonali ta' governanza b'diversi livelli fl-Unjoni Ewropea (2012/2078(INI)) ,

Rapporteur għal opinjoni: Sylvie Goulard

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

A. billi l-Patt Euro Plus, l-Istrateġija Ewropa 2020 u l-Patt għal Tkabbir u Impjiegi għandhom jiġu integrati fil-liġi tal-Unjoni u jwittu t-triq għall-introduzzjoni ta’ kodiċi ta’ konverġenza għall-ekonomiji tal-Istati Membri;

B. billi l-funzjonament bla xkiel tal-UEM jirrikjedi implimentazzjoni sħiħa u mgħaġġla tal-miżuri li diġà ntlaħaq qbil dwarhom fil-qafas ta' governanza ekonomika msaħħa bħall-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir (PST) imsaħħaħ u s-Semestru Ewropew ikkumplimentat minn politiki li jistimolaw it-tkabbir; billi sa mhux aktar tard minn ħames snin mid-data tad-dħul fis-seħħ tat-TSCG, abbażi ta' valutazzjoni tal-esperjenza bl-implimentazzjoni tiegħu, il-passi meħtieġa jridu jittieħdu, f'konformità mat-TUE u t-TFUE, bil-għan li s-sustanza tat-TSCG tiġi inkorporata fil-qafas ġuridiku tal-Unjoni;

**I. UEM – prinċipji ġenerali**

1. Jenfasizza li l-Istati Membri li jużaw l-euro u dawk impenjati biex jadottawh għandhom bżonn jirduppjaw l-isforzi tagħhom biex isaħħu l-konformità mat-Trattat, l-istabbiltà, u jżidu l-kompetittività, l-effiċjenza, it-trasparenza u r-responsabbiltà demokratika; ifakkar li l-euro huwa l-munita tal-Unjoni Ewropea u li l-Istati Membri kollha, ħlief dawk li għandhom deroga, huma mistennija jadottaw l-euro meta jasal il-ħin xieraq; ifakkar li l-Parlament Ewropew huwa l-parlament tal-Unjoni Ewropea, l-unika simbolu tal-leġittimità demokratika diretta tal-Unjoni u l-garanti tar-responsabbiltà demokratika diretta tal-Unjoni;

2. Jemmen li l-metodu Komunitarju għandu jintuża għall-miżuri kollha mmirati lejn it-tisħiħ tal-UEM; ifakkar fl-Artikolu 16 tat-TSCG, li jiddikjara li, fi żmien massimu ta' ħames snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dak it-Trattat, fuq bażi ta' valutazzjoni tal-esperjenza bl-implimentazzjoni tiegħu, iridu jittieħdu l-passi neċessarji, bi qbil mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, bil-għan li tiġi inkorporata s-sustanza tat-Trattat fil-qafas ġuridiku tal-Unjoni Ewropea;

3. Jinnota li, bil-għan li jtaffu l-kriżi u jwieġbu għan-nuqqasijiet strutturali fl-arkitettura tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja, il-gvernijiet nazzjonali u l-istituzzjonijiet Ewropej implimentaw firxa wiesgħa ta' miżuri biex jissalvagwardaw l-istabbiltà finanzjarja u jtejbu l-governanza ekonomika; jinnota li dawn id-deċiżjonijiet, bħal ċerti dispożizzjonijiet tas-Six Pack u l-ħolqien tal-MES, jikkonċernaw biss lill-Istati Membri li jiffurmaw parti miż-żona tal-euro; iqis li l-operazzjonijiet tal-EFSF/MES u kull struttura simili fil-ġejjieni għandhom ikunu soġġetti għal kontroll u sorveljanza demokratika regolari mill-Parlament Ewropew; huwa tal-fehma li l-MES għandu jkun minqux fl-acquis tal-Komunità;

4. Jinnota li żewġ Stati Membri għandhom klawsoli ta' nonparteċipazzjoni (opt-out) li jeżentawhom mill-introduzzjoni tal-euro filwaqt li żewġ Stati Membri għandhom klawsoli ta' nonparteċipazzjoni li jeżentawhom mill-implimentazzjoni tal-acquis ta' Schengen;

5. Jinnota li l-kooperazzjoni msaħħa toffri bażi ġuridika għall-adozzjoni ta' miżuri li japplikaw biss għal numru limitat ta' Stati Membri; jinnota li dan il-mekkaniżmu diġà qed jintuża għal-liġi trans-UE dwar id-divorzju u għal-liġi Ewropea dwar il-privattivi u ġie approvat mill-Parlament u l-Kunsill fil-kuntest tat-tassazzjoni fir-rigward tal-ħolqien ta' taxxa fuq it-transazzjonijiet finanzjarji;

6. Jindika li t-trojka qed tistabbilixxi l-politiki ekonomiċi ta' wħud mill-Istati Membri bħala kontroparti għall-fondi meħtieġa biex dawn jibqgħu vijabbli u biex jinkiseb aċċess mill-ġdid għas-swieq tal-flus; iżid jgħid li, madankollu, dawn xorta jridu jibqgħu jinżammu responsabbli b'mod xieraq; huwa tal-fehma li t-trojka għandha tinżamm responsabbli quddiem il-Parlament Ewropew, permezz ta' rappurtar regolari; ifakkar li l-parteċipazzjoni tal-UE fis-sistema tat-‘trojka’ għandha tkun soġġetta għall-iskrutinju demokratiku mill-Parlament u għall-obbligu ta' rendikont quddiemu;

7. Jinnota li l-isforzi ta' konsolidazzjoni fiskali magħmula biex ikun hemm konformità mar-regoli l-ġodda fil-qasam tal-governanza ekonomika għandhom jinqasmu bejn l-amministrazzjonijiet differenti b'mod ġust, filwaqt li jitqiesu s-servizzi li jipprovdu;

8. Jilqa' l-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni; jistieden lill-Kummissjoni biex tagħmel proposti leġiżlattivi kemm jista' jkun malajr, b'kodeċiżjoni fejn ikun legalment possibbli, għall-implimentazzjoni tiegħu mingħajr dewmien, inkluża l-koordinazzjoni baġitarja ulterjuri, l-estensjoni ta' koordinazzjoni ta' politika aktar profonda fil-qasam tat-tassazzjoni u l-impjieg, u l-ħolqien ta' kapaċità fiskali proprja għall-UEM biex tappoġġja l-implimentazzjoni tal-għażliet tal-politika; jenfasizza li ftit minn dawn l-elementi jeħtieġu li jiġu emendati t-Trattati;

9. Jappoġġja l-istrumenti ta' solidarjetà ġodda, bħall-"istrument ta' konverġenza u kompetittività"; iqis li l-kunċett CCI jista' jsaħħaħ is-sjieda u l-effettività tal-politika ekonomika; jenfasizza li tali strumenti jridu jitfasslu b'tali mod li jevitaw kwalunkwe

inċertezza legali u t-twessigħ tad-defiċit demokratiku tal-Unjoni;

10. Jemmen li azzjoni rapida hija meħtieġa f'kull wieħed mill-erba' pedamenti li jidhru fir-rapport intitolat "Lejn Unjoni Ekonomika u Monetarja Ġenwina", kif inhu ppreżentat mill-Presidenti Van Rompuy, Juncker, Barroso u Draghi, b'mod partikolari:

(a) qafas finanzjarju integrat li jiżgura stabbiltà finanzjarja b'mod partikolari fiż-żona euro u li jimminimizza l-ispiża tal-falliment tal-banek għaċ-ċittadini Ewropej; dan il-qafas jgħolli r-responsabbiltà ta' superviżjoni għal-livell Ewropew, u jipprovdi għal mekkaniżmi komuni li jsibu soluzzjoni għall-banek u jiggarantixxu d-depożiti tal-klijenti;

(b) qafas ta' politika ekonomika integrata li jkollu mekkaniżmi suffiċjenti biex jiżgura li l-politiki nazzjonali u Ewropej attwali jippromovu tkabbir sostenibbli, impjiegi u kompetittività, u jkunu kumpatibbli mal-funzjonament bla xkiel tal-EMU;

(c) l-iżgurar tal-leġitimità demokratika u tar-responsabilità neċessarja tat-teħid ta' deċiżjonijiet fi ħdan l-EMU, ibbażati fuq l-eżerċizzju konġunt ta' sovranità għall-politiki komuni u s-solidarjetà;

11. Jistieden lill-istituzzjonijiet kollha jipproċedu malajr għall-massimizzazzjoni tal-possibbiltajiet mogħtija mit-Trattati eżistenti u l-elementi tagħhom ta' flessibbiltà u fl-istess ħin iħejju għall-bidliet neċessarji fit-Trattati sabiex jiġu ggarantiti ċ-ċertezza legali u l-leġittimità demokratika; itenni li l-għażla ta' ftehim intergovernattiv ġdid għandha tiġi eskluża;

12. Jikkonferma li se jagħmel użu sħiħ mill-prerrogattiva tiegħu li jressaq lill-Kunsill proposti għall-emendar tat-Trattati li sussegwentement ikollhom bżonn jiġu eżaminati minn Konvenzjoni, sabiex jiġi kkompletat il-qafas ta' UEM ġenwina billi jitjiebu l-kompetenzi tal-UE, b'mod partikolari fil-qasam tal-politika ekonomika, u billi jissaħħu r-riżorsi proprji u l-kapaċità baġitarja tal-Unjoni, ir-rwol u r-responsabbiltà demokratika tal-Kummissjoni u l-prerogattivi tal-Parlament;

13. Huwa tal-fehma li "UEM ġenwina" ma tistax tkun limitata għal sistema ta' regoli imma teħtieġ kapaċità baġitarja miżjuda bbażata fuq ir-riżorsi proprji (inkluża TTF) li, fil-qafas tal-baġit tal-Unjoni, għandha tappoġġja t-tkabbir u l-koeżjoni soċjali filwaqt li tindirizza l-iżbilanċi, id-diverġenzi strutturali u l-emerġenzi finanzjarji li huma direttament konnessi mal-Unjoni Monetarja, mingħajr ma tippreġudika l-funzjonijiet tradizzjonali tagħha li tiffinanzja l-politiki komuni;

14. Jistieden lill-Kummissjoni tressaq, skont, is-Semestru Ewropew, proposta għall-adozzjoni ta' kodiċi ta' konverġenza bbażat fuq l-istrateġija Ewropa 2020 u li jkun jistabbilixxi pilastru soċjali b'saħħtu; jinsisti li l-Programmi ta' Implimentazzjoni Nazzjonali għandhom jiżguraw li l-kodiċi ta' konverġenza jiġi implimentat mill-Istati Membri kollha, appoġġjati minn mekkaniżmu bbażat fuq l-inċentivi;

15. Itenni għal darba oħra li kwalunkwe inizjattiva ulterjuri għal UEM profonda u ġenwina bbażata fuq l-istabilità, it-tkabbir sostenibbli, is-solidarjetà u d-demokrazija għandha imperattivament tiġi stabbilita skont il-metodu Komunitarju; jenfasizza li l-istituzzjonijiet tal-UE huma rekwiżiti li jipprattikaw kooperazzjoni reċiproka sinċiera; ifakkar lill-Kunsill

Ewropew li ma għandu l-ebda prerogattiva bbażata fuq it-Trattati ta’ inizjattiva leġiżlattiva u li għandu jieqaf jagħti istruzzjonijiet lill-Kummissjoni dwar il-forma u/jew il-kontenut ta’ kwalunkwe inizjattiva leġiżlattiva ulterjuri u għandu jieqaf jinjora r-rwoli koordinattivi, eżekuttivi u maniġerjali tal-Kummissjoni kif stabbiliti fit-Trattati;

16. Iwissi lill-Kunsill Ewropew, f’dan ir-rigward, li ma għandux jindaħal iż-żejjed fil-proċess tas-Semestru Ewropew, u li għandu jiżgura li l-proċeduri li sar qbil dwarhom jiġu segwiti;

17. Itenni li ma jista jaċċetta l-ebda elementi intergovernattivi ulterjuri fir-rigward tal-UEM u li se jieħu kull azzjoni meħtieġa u xierqa li għandu fil-prerogattivi tiegħu jekk tali twissijiet jiġu injorati; ifakkar li l-‘patt fiskali’ għandu jiġi integrat fid-dritt tal-UE fi żmien ta’ mhux aktar minn ħames snin, abbażi ta’ valutazzjoni tal-esperjenza bl-implimentazzjoni tiegħu, kif stipulat fl-Artikolu 16 tat-Trattat dwar Stabbiltà, Koordinazzjoni u Governanza fl-UEM;

18. Huwa tal-fehma li, skont it-Trattati eżistenti, l-Artikolu 136 TFUE jippermetti lill-Kunsill, fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni u permezz tal-votazzjoni tal-Istati Membri biss li l-valuta tagħhom hija l-euro, li jadotta linji gwida vinkolanti dwar il-politika ekonomika għall-pajjiżi taż-żona tal-euro fil-qafas tas-Semestru Ewropew; jenfasizza li mekkaniżmu ta' inċentiv isaħħaħ in-natura vinkolanti tal-koordinazzjoni tal-politika ekonomika; jistieden li jkun hemm Ftehim Interistituzzjonali li jinvolvi lill-Parlament fl-abbozzar u l-approvazzjoni tal-Istħarriġ dwar it-Tkabbir Annwali u l-Linji Gwida dwar il-Politika Ekonomika u l-Impjiegi;

19. Itenni t-talbiet insistenti ripetuti tiegħu li l-Mekkaniżmu Ewropew ta’ Stabbiltà (MES) jiġi integrat fl-acquis Komunitarju ħalli jkun jista’ jiġi mmaniġġjat skont il-metodu Komunitarju, u li jingħata l-obbligu ta' rendikont quddiem il-Parlament; jitlob lill-Kummissjoni tressaq proposta għal dak il-għan; ifakkar lill-Grupp tal-euro li l-Parlament irċieva assigurazzjonijiet bil-miktub li l-MES se jkun soġġett għall-iskrutinju tal-Parlament;

20. Jinsisti li fil-Kunsill Ewropew tar-rebbiegħa l-President tal-Parlament għandu jippreżenta l-fehmiet tal-Parlament dwar is-stħarriġ annwali dwar it-tkabbir; hu tal-fehma li għandu jiġi nnegozjat ftehim interistituzzjonali sabiex il-Parlament jiġi involut fl-approvazzjoni tal-istħarriġ annwali dwar it-tkabbir u tal-linji gwida għall-politika ekonomika u l-impjiegi.

**II. Unjoni bankarja**

21. Jilqa' t-twaqqif ta' mekkaniżmu superviżorju uniku li jkopri ż-żona tal-euro u li hu miftuħ għall-Istati Membri l-oħra kollha tal-UE; jenfasizza li l-ħolqien ta' mekkaniżmu għar-riżoluzzjoni unika għall-banek huwa pass indispensabbli fit-twaqqif ta' unjoni bankarja ġenwina; jikkunsidra li, biex jingħelbu n-nuqqasijiet strutturali inerenti fl-unjoni ekonomika u monetarja u biex jitrażżan b'mod effikaċi l-periklu morali mifrux, l-'unjoni bankarja' proposta għandha tislet mir-riforma ta' qabel tas-settur tas-servizzi finanzjarji tal-Unjoni, kif ukoll il-governanza ekonomika msaħħa, speċjalment fiż-żona tal-euro, u l-qafas baġitarju l-ġdid tas-Semestru Ewropew, biex jiġu żgurati reżiljenza u kompetittività akbar tas-settur bankarju tal-Unjoni, fiduċja akbar fih, u riżervi kapitali msaħħa biex jiġi evitat li, fil-futur, il-baġits pubbliċi tal-Istati Membri jkollhom iħallsu l-ispejjeż tas-

salvataġġi finanzjarji tal-banek;

22. Jinsab estremament inkwetat dwar id-dewmien biex tiġi stabbilita l-unjoni bankarja u l-modalitajiet prattiċi tar-rikapitalizzazzjoni diretta tal-attivitajiet bankarji mill-MES; jinsab, b'mod partikolari, allarmat minħabba l-frammentazzjoni li qed isseħħ bħalissa tas-sistema bankarja tal-UE; jenfasizza li unjoni bankarja robusta u ambizzjuża hija komponent ewlieni ta' UEM aktar profonda u ġenwina, u politika ewlenija li fuqha l-Parlament ilu jinsisti għal aktar minn tliet snin, b'mod partikolari mindu ġew adottati l-pożizzjonijiet tiegħu dwar ir-regolament dwar l-Awtorità Bankarja Ewropea;

**III. Baġit tal-UE u kapaċità fiskali tal-UEM**

23. Iqis li l-ħidma fuq ir-riżorsi proprji għandha titħaffef, kif ukoll dik fuq il-mobbiltà fil-qasam tax-xogħol, fuq is-suq intern fis-servizzi, speċjalment is-suq uniku diġitali, u fuq baġit taż-żona tal-euro, sabiex din issir żona monetarja ottimali li tqis il-limitazzjonijiet legali kollha;

**IV. Ir-responsabbiltà tal-UEM**

24. Jenfasizza li l-Artikolu 3(4) tat-TUE jgħid li "[l-]Unjoni għandha tistabbilixxi unjoni ekonomika u monetarja li l-munita tagħha tkun l-euro", filwaqt li l-Protokoll 14 dwar il-Grupp tal-euro jirreferi għall-"bżonn li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet speċjali għal djalogu msaħħaħ bejn l-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro, sa ma l-euro tkun saret il-munita tal-Istati Membri kollha tal-Unjoni"; jinnota li, jekk din is-sitwazzjoni tieħu fit-tul, għad li suppost hija waħda ta' tranżizzjoni, jeħtieġ li jitqies, fi ħdan il-Parlament Ewropew, mekkaniżmu ta' responsabbiltà xierqa għaż-żona tal-euro attwali u għall-Istati Membri li ħadu l-impenn li jingħaqdu magħha;

25. Iqis it-titjib sostanzjali fil-leġittimità demokratika u r-responsabbiltà fil-livell tal-Unjoni tal-governanza tal-UEM permezz ta' rwol miżjud tal-Parlament bħala neċessità assoluta u kundizzjoni preliminari għal kwalunkwe pass ulterjuri lejn unjoni bankarja, unjoni fiskali u unjoni ekonomika;

26. Jenfasizza, filwaqt li jerġa' jafferma l-intenzjoni tiegħu li jintensifika l-kooperazzjoni mal-parlamenti nazzjonali fuq il-bażi tal-Protokoll Nru 1, li tali kooperazzjoni m'għandhiex titqies bħala l-ħolqien ta' korp parlamentari konġunt ġdid li jkun kemm ineffettiv kif ukoll illeġittimu minn perspettiva demokratika u kostituzzjonali; jenfasizza l-leġittimità sħiħa tal-Parlament, bħala korp parlamentari fil-livell tal-Unjoni, bl-għan ta' governanza msaħħa u demokratika tal-UEM;

**V. Il-pilastru soċjali**

27. Jikkunsidra li, skont it-Trattati eżistenti, il-koordinament u s-sorveljanza tad-dixxiplina baġitarja tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro jistgħu jsiru vinkolanti u soġġetti għall-kontroll tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fuq il-bażi sempliċi tal-Artikolu 136 TFUE flimkien mal-Artikolu 121(6), imma li, mill-perspettiva kostituzzjonali, dan il-pass għandu jitqies biss jekk isaħħaħ b'mod sostanzjali r-rwol tal-Parlament f'dak li jikkonċerna l-implimentazzjoni dettaljata tal-Artikoli 121(3) u (4) TFUE u sabiex tiġi kkompletata u implimentata l-proċedura ta' sorveljanza multilaterali

b'atti delegati abbażi tal-Artikolu 290 TFUE; ifakkar li, skont it-Trattati, il-promozzjoni ta' rata għolja ta' impjiegi u l-garanzija ta' protezzjoni soċjali adegwata għandhom jitqiesu fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politiki u l-attivitajiet tal-Unjoni, b'mod partikolari billi tiddaħħal – abbażi tal-istrateġiji eżistenti – ġabra ġdida ta' linji gwida għall-Istati Membri, inklużi punti ta' riferiment soċjali u ekonomiċi bi standards minimi li għandhom jiġu applikati għall-pilastri prinċipali tal-ekonomiji tagħhom;

28. Jikkunsidra li d-dixxiplina baġitarja fiż-żona tal-euro għandha titkejjel mhux biss permezz ta' parametri referenzjarji fiskali u makroekonomiċi iżda għandha tkun ikkumplementata u titqiegħed fuq bażi ugwali ma' parametri referenzjarji soċjali u tal-impjieg kif ukoll rapporti ta' progress dwar riformi strutturali sabiex jiġi żgurat livell xieraq u effiċjenti ta' investiment soċjali u b'hekk tiġi żgurata s-sostenibilità ta' Unjoni Ewropea soċjali f'perspettiva fit-tul;

**VI. CCI**

29. Jirrimarka li l-ħolqien ta' mekkaniżmu ta' infurzar ibbażat fuq l-inċentivi u mmirat biex iżid is-solidarjetà, il-koeżjoni u l-kompetittività għandu jmur id f'id ma' saffi addizzjonali tal-koordinazzjoni tal-politika ekonomika kif mistqarr fid-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni li takkumpanja "it-two pack" sabiex jiġi rispettat il-prinċipju li skontu "l-passi lejn aktar responsabbiltà u dixxiplina ekonomika jingħaqdu flimkien ma' aktar solidarjetà";

30. Jafferma mill-ġdid li l-governanza fl-UE ma għandhiex tikser il-prerogattivi tal-Parlament Ewropew u tal-parlamenti nazzjonali, speċjalment meta jkun previst kwalunkwe trasferiment ta' sovranità; jenfasizza li leġittimità u responsabbilità xierqa jeħtieġu deċiżjonijiet demokratiċi u għandhom jiġu żgurati fl-livell nazzjonali u tal-UE mill-parlamenti nazzjonali u mill-Parlament Ewropew, rispettivament; ifakkar il-prinċipju stipulat fil-konklużjonijiet tal-laqgħa tal-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2012 li "matul il-proċess, l-objettiv ġenerali jibqa' li jiġu żgurati l-leġittimità u r-responsabbiltà demokratika fil-livell li fih jittieħdu u jiġu implimentati d-deċiżjonijiet"; jenfasizza li l-mekkaniżmi għall-koordinazzjoni u s-CCIs ex-ante għandhom japplikaw għall-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro bil-possibbiltà li Stati Membri oħra jingħaqdu fuq bażi permanenti; jistieden lill-Kummissjoni tipprevedi tali validazzjoni obbligatorja min-naħa tal-parlamenti nazzjonali fi proposti leġiżlattivi li jmiss u tiżgura involviment akbar tal-partijiet soċjali fil-koordinazzjoni ekonomika;

31. Huwa tal-opinjoni li kwalunkwe strument ġdid propost (CCI) għandu jkun ibbażat fuq il-kondizzjonalità, is-solidarjetà u l-konverġenza. jemmen li tali strument għandu jiġi varat biss wara li tiġi identifikata l-ħtieġa għal riformi strutturali maġġuri u fit-tul għat-tisħiħ ta' tkabbir sostenibbli u jiġu identifikati żbilanċi soċjali abbażi tal-valutazzjoni tal-koerenza bejn il-kodiċi ta' konverġenza u l-pjanijiet ta' implimentazzjoni nazzjonali b'involviment formali xieraq tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-parlamenti nazzjonali;

32. Jenfasizza li l-mekkaniżmu ġdid (CCI) li għandu jiġu stabbilit għandu japplika għall-Istati Membri kollha taż-żona tal-euro u jkun miftuħ għall-Istati Membri tal-Unjoni kollha filwaqt li jqis l-interdipendenza akbar tal-Istati Membri taż-żona tal-euro; huwa tal-fehma li l-Istati Membri taħt il-programm għandhom jitħallew jipparteċipaw fuq bażi volontarja;

33. Huwa tal-fehma li s-CCI għandu jservi ta' vettura għal żieda fil-kapaċità baġitarja u jkun

immirat lejn appoġġ kundizzjonali tar-riformi strutturali, u b'hekk iżid il-kompetittività, it-tkabbir u l-koeżjoni soċjali, filwaqt li jiżgura koordinazzjoni aktar mill-qrib tal-politiki ekonomiċi u konverġenza sostenuta tal-prestazzjoni ekonomika tal-Istati Membri, u jindirizza l-iżbilanċi u d-diverġenzi strutturali; huwa tal-fehma li tali strumenti jservu ta' pedamenti lejn kapaċità fiskali ġenwina;

**VII. Fond ta' tifdija u eurokambjali**

34. Iqis li għandu jkun hemm rifinanzjament gradwali tad-dejn eċċessiv f'fond ta' tifdija, ibbażat fuq il-proposta tal-Kunsill Ekonomiku tal-Esperti Ġermaniż, li jipprevedi l-ħolqien temporanju ta' fond li jiġbor fih id-dejn kollu li jkun ogħla minn 60 % tal-Istati Membri li jissodisfaw ċerti kriterji, bid-dejn li jinfeda fuq perjodu ta' madwar 25 sena, b'hekk jinħoloq fond li, flimkien mal-infurzar tal-mekkaniżmi eżistenti kollha, jgħin biex fil-futur, id-dejn totali tal-Istati Membri jinżamm taħt is-60 %;

35. Jilqa' l-fatt li, fit-2 ta' Lulju 2013, il-Kummissjoni waqqfet grupp ta' esperti, wara l-ftehimiet "2-Pack", taħt il-presidenza tas-Sinjura Gertrude Trumpel-Gugerell, li għandu l-kompitu li jivvaluta bir-reqqa l-karatteristiċi ewlenin ta' fond ta' tifdija potenzjali u eurokambjali, inkluż kwalunkwe dispożizzjoni legali, arkitettura finanzjarja u oqfsa baġitarji kumplimentari; għandu l-intenzjoni li jieħu pożizzjoni dwar dawn il-kwistjonijiet wara li jiġi ppreżentat ir-rapport tal-grupp ta' esperti.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 17.10.2013 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 26<br>–: 7<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Jean-Paul Besset, Udo Bullmann, George Sabin Cutaş, Rachida Dati, Leonardo Domenici, Derk Jan Eppink, Markus Ferber, Jean-Paul Gauzès, Sylvie Goulard, Liem Hoang Ngoc, Wolf Klinz, Jürgen Klute, Philippe Lamberts, Ivana Maletić, Marlene Mizzi, Ivari Padar, Anni Podimata, Antolín Sánchez Presedo, Peter Simon, Kay Swinburne, Sampo Terho, Marianne Thyssen, Ramon Tremosa i Balcells, Pablo Zalba Bidegain |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Thijs Berman, Zdravka Bušić, Herbert Dorfmann, Ashley Fox, Roberto Gualtieri, Enrique Guerrero Salom |
| **Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Julie Girling, Phil Prendergast, Milan Zver |

10.10.2013

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IMPJIEGI U L-AFFARIJIET SOĊJALI

għall-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali

dwar problemi kostituzzjonali ta' governanza b'diversi livelli fl-Unjoni Ewropea (2012/2078(INI)),

Rapporteur għal opinjoni: Stephen Hughes

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali jistieden lill- Committee on Constitutional Affairs,, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

A. billi skont l-Artikolu 3(3) tat-TUE, l-Unjoni għandha taħdem għall-iżvilupp sostenibbli tal-Ewropa bbażat fuq tkabbir ekonomiku bbilanċjat u stabbiltà tal-prezzijiet, ekonomija tas-suq soċjali kompetittiva ħafna, li timmira għal xogħol għal kulħadd u progress soċjali u livell għoli ta' protezzjoni;

B. billi l-kriżi wriet l-integrazzjoni furzata inerenti fil-euro, u billi dan l-iżvilupp żdied dimensjoni ġdida għad-dibattitu dwar il-governanza b'diversi livelli tal-Unjoni;

C. billi l-kriżi wasslet għal żbilanċ bejn il-pilastru soċjali tal-UEM (Artikolu 148 TFUE) u dak ekonomiku (Artikolu 121 TFUE);

D. billi, skont l-Artikolu 9 tat-TFUE, il-promozzjoni ta' livell għoli ta' impjiegi, il-garanzija ta' protezzjoni soċjali adegwata, il-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali kif ukoll il-livell għoli ta' edukazzjoni, taħriġ u protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem għandhom jitqiesu fid-definizzjoni u fl-implimentazzjoni tal-politiki u l-attivitajiet tal-Unjoni";

E. billi skont l-Artikolu 151 tat-TFUE, "l-Unjoni u l-Istati Membri għandu jkollhom bħala l-objettivi tagħhom il-promozzjoni tal-impjiegi, kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol aħjar, protezzjoni soċjali adegwata, djalogu bejn min imexxi u l-ħaddiema, l-iżvilupp tar-riżorsi umani bil-ħsieb ta' ħafna impjiegi fit-tul u l-ġlieda kontra l-esklużjoni";

F. billi fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-1 ta' Diċembru 2011 dwar is-Semestru Ewropew għall-

Koordinazzjoni tal-Politika Ekonomika[1], il-PE iddikkjara "li kull organizzazzjoni u proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet ġdid jew imtejjeb fil-Kunsill u/jew fil-Kummissjoni jridu jimxu id f'id ma' leġittimità demokratika aġġornata u obbligu ta' rendikont xieraq lill-Parlament Ewropew";

G. billi t-Trattati jipprovdu diversi modi dwar kif jista' jinkiseb progress fil-politiki soċjali u tal-impjiegi, li l-potenzjal tagħhom għadu ma ġiex sfruttat kompletament, b'mod partikolari fir-rigward tal-Artikolu 9 tat-TFUE, l-Artikolu 151 tat-TFUE u l-Artikolu 153 tat-TFUE, iżda wkoll b'mod iktar ġenerali fir-rigward tal-Artikolu 329 tat-TFUE; billi konverġenza soċjali akbar tista' għalhekk tinkiseb mingħajr ħsara għall-prinċipju tas-sussidjarjetà;

H. ifakkar li l-ewro hija l-munita tal-Unjoni, iżda qabel il-kriżi, il-prevalenza tas-suq intern wasslet għal sottovalutazzjoni tal-isfida tal-integrazzjoni taż-żona tal-euro;

I. billi d-dibattitu dwar il-governanza b'diversi livelli tal-UE jeħtieġ li jieħu inkunsiderazzjoni d-dinamika tal-għodod tal-UE li mhix l-istess rigward l-Artikolu 136 tat-TFUE jew kooperazzjoni msaħħa;

1. Ifakkar li sabiex jintlaħqu l-objettivi stipulati fl-Artikolu 9 tat-TFUE, il-politika ekonomika ma tistax titqies b'mod iżolat mill-politika soċjali, u għalhekk jenfasizza l-ħtieġa urġenti li tittejjeb il-governanza soċjali Ewropew, b'mod komparabbli għall-istabbiliment ta' governanza ekonomika Ewropea, billi jinħolqu għodod li jqisu l-prinċipju tas-sussidjarjetà;

2. Ifakkar li d-dibattitu dwar il-governanza b'diversi livelli m'għandux jirkeb fuq il-kwistjoni tal-governanza b'diversi livelli, li għandha x'taqsam mal-bilanċ tal-poteri u l-involviment tal-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali;

3. Jenfasizza l-importanza ta' monitoraġġ imtejjeb tal-politiki soċjali u tal-impjiegi u l-ħtieġa li jiġi vvalutat l-impatt ekonomiku u soċjali tagħhom b'mod komparabbli għad-dispożizzjonijiet dwar is-sorveljanza tal-politiki ekonomiċi nazzjonali, b'tali mod li r-rakkomandazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea jistgħu jiġu mmirata korrettament;

4. Jistieden lill-Kummissjoni tagħmel użu sħiħ mis-setgħa tagħha ta' inizjattiva leġiżlattiva biex tressaq quddiem il-Parlament Ewropew, fuq bażi regolari, dispożizzjonijiet regolatorji ambizzjużi dwar l-affarijiet soċjali u l-impjiegi;

5. Jitlob l-istabbiliment ta' punti ta' referenza soċjali u tal-impjieg, bħall-inugwaljanza fid-dħul, l-impjieg u l-faqar, flimkien ma' punti ta' referenza fiskali u makroekonomiċi, biex iqisu l-impatt tal-problemi soċjali u tal-qgħad fuq l-iżvilupp tal-ekonomija u biex jiżguraw l-implimentazzjoni xierqa tal-Artikolu 9 tat-TFUE u l-Artikolu 151 tat-TFUE,

6. Jenfasizza l-ħruġ, l-eżistenza u l-aggravament ta' żbilanċi interni u esterni fil-qasam tal-politika ekonomika u soċjali u l-ħtieġa assoċjata li jiġu identifikati l-istabbilizzaturi awtomatiċi li se japprofondixxu l-governanza eżistenti b'diversi livelli; jistieden lill-

[1] Testi adottati, P7_TA(2011)0542.

Kummissjoni tippreżenta green paper bl-għażliet differenti għal tali stabbilizzaturi fil-qafas tal-governanza eżistenti b'diversi livelli;

7. Jenfasizza l-fatt li s-sitwazzjoni soċjali fl-Ewropa tesiġi baġit Ewropew bilanċjat u adegwat u konsistenza aħjar bejn il-politika ekonomika, kummerċjali u soċjali sabiex jiġi ppreservat l-iżvilupp tal-potenzjal industrijali Ewropej u għall-promozzjoni tal-impriżi innovattivi li għadhom jibdew;

8. Jinnota li la l-pjan direzzjonali 'Lejn Unjoni Ekonomika u Monetarja Ġenwina' u lanqas ir-rapport interim ippreżentat mill-President tal-Kunsill Van Rompuy ma jindirizza l-politiki soċjali u tal-impjiegi; itenni, għalhekk, it-talba tiegħu għal Patt Soċjali, kif deskritt fir-Riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta’ Novembru 2012, b’rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar ir-rapport tal-Presidenti tal-Kunsill Ewropew, il-Kummissjoni, il-Bank Ċentrali Ewropew u l-Grupp tal-euro ‘Lejn Unjoni Ekonomika u Monetarja Ġenwina’;

9. Jenfasizza li, għal żvilupp pożittiv tal-Unjoni Ewropea, huwa meħtieġ li jinkiseb bilanċ bejn il-politika tal-impjiegi u dik ekonomika, skont l-Artikolu 121 tat-TFUE u l-Artikolu 148 tat-TFUE.

10. Jenfasizza li l-Kummissjoni għandha tagħti rispons iktar ambizzjuż għat-tħassib ta’ kuljum u l-aspirazzjonijiet taċ-ċittadini tal-UE fir-rigward tal-kwistjonijiet soċjali u ekonomiċi sabiex l-Unjoni tkun kapaċi tirreaġixxi għal avvenimenti mhux mistennija u tkun rapida biex taħtaf l-opportunitajiet u tantiċipa, u taġġusta għal xejriet tal-futur;

11. Jitlob għal protokoll soċjali għat-Trattati biex jiġu protetti drittijiet fundamentali soċjali u tax-xogħol;

12. Jitlob lill-Kummissjoni tinsisti fuq it-tressiq tal-Pjanijiet Nazzjonali tax-Xogħol mill-Istati Membri bħala parti mill-Programm Nazzjonali ta’ Riforma tagħhom; jirrikonoxxi li l-Pjanijiet tal-Impjiegi Nazzjonali jridu jkunu konsistenti fl-istruttura u l-kontenut tagħhom sabiex jissodisfaw l-objettiv tagħhom; jinsisti li gwida ċara dwar il-kontenut u l-istruttura tal-pjanijiet tal-impjiegi trid tingħata mill-Kummissjoni u tiġi osservata mill-Istati Membri fis-sottomissjonijiet tagħhom fl-Istħarriġ tat-Tkabbir Annwali u miżuri ta’ Governanza Ekonomika u Soċjali oħra; jipproponi li dawn il-Pjanijiet tal-Impjiegi Nazzjonali għandhom ikunu soġġetti għal summit tripartitiku kif previst fl-Artikolu 152(2) tat-TFUE;

13. Jistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-politiki nazzjonali tal-impjiegi tagħhom billi joħolqu l-kundizzjonijiet adatti għall-ħolqien tal-impjiegi u t-talba għax-xogħol, billi jinkludu impjiegi ekoloġiċi ‘fil-Pjanijiet Nazzjonali tal-Impjiegi’ tagħhom, billi jtejbu l-ippjanar u t-tbassir tal-forza tax-xogħol tas-saħħa biex taqbel aktar mad-domanda u l-provvista tal-professjonisti tas-saħħa filwaqt li joffrulhom prospetti ta’ impjiegi fit-tul u jistimulaw skambju dwar l-innovattiv u billi jappoġġjaw żieda fix-xogħol tal-ICT kwalifikat ħafna u jippromwovu ħiliet diġitali fost il-forza tax-xogħol;

14. Itenni t-talba tiegħu għat-tisħiħ tad-dimensjoni demokratika tas-Semestru Ewropew, inkluż bit-tisħiħ tar-rwol tal-Parlament permezz tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja u bl-involviment tal-parlamenti nazzjonali, b’mod interattiv mas-sħab soċjali u mas-soċjetà ċivili, filwaqt li jirrikonoxxi n-natura annwali tas-Semestru Ewropew;

15. Jenfasizza li d-djalogu soċjali għandu jkun djalogu reali bl-leġittimitá politika u soċhali, trasparenti u miftuħ; jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi r-rwol tas-sħab soċjali fil-livell Ewropew, filwaqt li tqis id-diversità tas-sistemi nazzjonali u tiffaċilita d-djalogu soċjali bejniethom, mingħajr ħsara għall-awtonomija tagħhom kif ipprovdut fl-Artikolu 152 tat-TFUE;

16. Jitlob lill-Istati Membri jesploraw jekk kooperazzjoni msaħħa tistax tintuża minflok, fir-rigward tal-politiki soċjali u tal-impjiegi, f'ċirkostanzi fejn hemm diverġenza fid-direzzjoni politika bejn Stati Membri li qed tipprevjeni l-progress meħtieġ.

17. Jitlob lill-Istati Membri, fil-programmi tagħhom ta' stabbiltà u tkabbir, jagħtu attenzjoni lill-benessri tal-persuni, sabiex ma jippersistux riperkussjonijiet soċjali u tal-impjiegi mhux mixtieqa fit-tul ta' rimedji fuq perjodu qasir għall-problemi ekonomiċi.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 10.10.2013 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 26<br>–: 3<br>0: 10 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Edit Bauer, Heinz K. Becker, Jean-Luc Bennahmias, Pervenche Berès, Vilija Blinkevičiūtė, Philippe Boulland, Alejandro Cercas, Ole Christensen, Emer Costello, Andrea Cozzolino, Frédéric Daerden, Karima Delli, Sari Essayah, Richard Falbr, Marian Harkin, Stephen Hughes, Danuta Jazłowiecka, Ádám Kósa, Jean Lambert, Patrick Le Hyaric, Olle Ludvigsson, Thomas Mann, Elisabeth Morin-Chartier, Csaba Őry, Konstantinos Poupakis, Sylvana Rapti, Licia Ronzulli, Elisabeth Schroedter, Nicole Sinclaire, Jutta Steinruck, Ruža Tomašić, Traian Ungureanu, Andrea Zanoni |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Georges Bach, Kinga Göncz, Anthea McIntyre, Antigoni Papadopoulou, Csaba Sógor |
| **Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Agustín Díaz de Mera García Consuegra |

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 24.10.2013 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 17<br>–: 3<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Alfredo Antoniozzi, Andrew Henry William Brons, Zdravka Bušić, Carlo Casini, Andrew Duff, Roberto Gualtieri, Enrique Guerrero Salom, Zita Gurmai, Stanimir Ilchev, Constance Le Grip, David Martin, Sandra Petrović Jakovina, Algirdas Saudargas, Indrek Tarand, Rafał Trzaskowski, Manfred Weber, Luis Yáñez-Barnuevo García |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | David Campbell Bannerman, Helmut Scholz |
| **Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Jan Kozłowski |